MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Frar, 2009

Numru 13/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Aaron Camilleri**

Illum : 21 ta’ Frar 2009

Il-Qorti ;

Rat l-akkuza li biha l-imputat Aaron Camilleri gie akkuzat talli f’ dawn il-gzejjer bejn l-ghoxrin (20) ta’ Frar elfejn u disgha (2009) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar elfejn u disgha (2009) kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mill-Magistrat Paul Coppini fl-ghoxrin (20) ta’ Novembru elfejn

u tmienja (2008), fuq depozitu ta' elf Euro (€ 1000), garanzija personali ta' elfejn Euro (€ 2000), b' dan li jkun gewwa r-residenza tieghu bejn is-siegha u s-sebgha ta' filghodu (1:00 am u 7:00 am) kontra l-limitazzjonijiet imposti f' dan id-digriet, u dana skond l-Artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Aaron Camilleri u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif stipulat fl-Artikolu 579 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat kif ukoll estratt mill-att tat-twelid tieghu.

Semghet ix-xhieda prodotti u cioe lill-istess Spettur Mifsud, lis-Surgent 581 Loreto Buttigieg, kif ukoll lil PC 1153 Mark Cardona ghan-naha tal-Prosekuzzjoni u lil Silvio Zammit minn naha tad-difiza. L-imputat ghazel li ma jixhedx.

Rat ukoll l-Artikolu 579 tal-Kap 9 li tahtu gie akkuzat l-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

Ikkunsidrat :

Illi rrizulta b' mod sodisfacenti li l-imputat tassew kien barra fil-hin tal-erbgha u kwart / l-erbgha u nofs ta' filghodu (4:15 am / 4:30 am) fil-jum tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar, u cioe dalghodu stess, u dana bi ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet illi bih kien inghata l-helsien mill-arrest fl-ghoxrin (20) ta' Novembru elfejn u tmienja (2008). Ir-raguni illi l-imputat qieghed jghid illi bih jiggustifika n-nuqqas tieghu hija illi kien cempillu klijent tieghu illi kien qed jikri xi appartament minn ghandu biex

jiprovdilu xi mtierah peress li ma kellux bizzejjed f’ dan il-post.

Il-Qorti, wara li rat ukoll l-okkorrenza esebita dwar dan l-incident, u kkunsidrat ukoll x’ kienet l-ewwel reazzjoni tal-imputat meta gie mwaqqaf mill-Pulizija, meta ndunaw bih li kien barra t-triq f’ dak il-hin tal-erbgha u kwart / l-erbgha u nofs ta’ filghodu (4:15 am / 4:30 am), u cioe illi huwa kien inghata l-awtorizzazzjoni biex jibqa barra mill-Magistrat Edwina Grima, illi qed tisma l-kaz illi bih l-istess imputat jinsab akkuzat flimkien ma terzi persuni u ma dawn il-Pulizija huwa ma semma xejn rigward ir-raguni ghaliex kien jinsab barra.

Il-Qorti ghalhekk u tenur ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u li rrizultawlha mix-xhieda kollha mismugha, issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta.

Wara li rat ukoll l-istess Artikolu 579 (1), (2), u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u peress illi ma jidhriliex kontra dak li rriteniet id-difiza, illi r-raguni ghaliex l-imputat kien barra dak il-hin filghodu ma kienetx wahda ta’ konsegwenza serja, anzi l-imputat kien jaf minn dak li stqarr mal-Pulizija li huwa kien qed jikser il-kundizzjoni tal-liberta provizorja, ghalhekk tiddeciedi din il-kawza billi wara li sabitu hati tal-akkuza kif dedotta kif gia inghad, tordna illi a tenur tal-Artikolu 579 (1), is-somma illi biha kien inghata l-beneficcju ghall-helsien u cioe d-depozitu ta’ elf Euro (€1000) flimkien mal-elfejn Euro (€2000) li kien ta bhala garanzija personali ghandhom jigu konfiskati a favur il-Gvern ta’ Malta u mbaghad a tenur tal-Artikolu 579 (2) timmultah ghall-multa ta’ hames mitt Euro (€500) ohra.

Madanakollu, ma tirrevokalux il-helsien mill-arrest, u tordna li ghandhom jibqu fis-sehh l-istess kundizzjonijiet

mghotija fil-helsien mill-arrest tal-ghoxrin (20) ta’ Novembru elfejn u tmienja (2008).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------